# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' Mejju 2019

**Rikors Numru : 50/2019 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**RB**

**Vs**

**MB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' RB, datat 1 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., fejn intqal :

1. *Illi hija zzewwget lil intimat MB, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru X, fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) fil-Knisja ta' Santa Marija Ta' Gesu (Ta' Giesu), il-Belt, Valletta, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru Y, u dan kif jirrizulta minn vera kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A' ;*

2. *Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li kien gie ippublikat min-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), kopja fotostatika qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B' ;*

3. *Illi l-istess partijiet iddekadu reciprokament milli jircievu manteniment*

*minghand xulxin u li ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi kwalsiasi obbligi ta' manteniment gew effettivament regolati fl-istess Kuntratt ta' firda personali ippublikat u konsegwentement ma tezisiti ebda kwistjoni f'dan ir-rigward ;*

4. *Illi l-istess partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg ;*

5. *Illi r-rikorrenti iddiskutiet mal-konsulent legali taghha, hawn sottofirmata, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern, u kkonkludiet li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni ;*

6. *Illi llum il-gurnata ghaddew aktar minn hames (5) mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Kuntratt ta' Separazzjoni tal-kontendenti partijiet ;*

7. *Illi in vista ta' dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-halla taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti RB titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

a) *Tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentement tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi, u*

b) *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat huwa kontumaci (vide fol 16);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' April 2019 li permezz tieghu il-Qorti akkordat lill-intimat il-fakolta li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12,

tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi baqa' inadempjenti;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RB** xehdet a fol 17 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Gunju 1996 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-15 t'Ottubru 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*
>
> ***66B.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> ***(a)** fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih*

***preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Gunju 1996 (vide Dok. A, a fol 3) u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana, datat 15 ta' Ottubru 2013 (Vide Dok.B, a fol 5 et seqq., debitament awtorizzat mil-Qorti) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi l-intimat baqa' kontumaci u minkejja li inghata il-fakulta li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu, l-istess intimat baqa' inadempjenti u din il-Qorti ma jidhrilhiex illi hemm eccezzjonijiet ex-officio li ghandha tqajjem.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-**

**llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**